**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr Josette Demicoli LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Hubert Cini)**

**Vs**

**Robert Galea**

**Każ Nru: 91/2013**

**Illum 4 ta' Ottubru 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Robert Galea, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 229581M:

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, matul il-perjodu ta' bejn id-09:00 ta' filgħaxija tad-29 ta' Jannar 2013 u s-02:20 ta' filgħodu tat-30 ta' Jannar

2013, b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Ikkommetta serq ta' oġġetti minn vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni MEL 306 mill-inħawi magħrufa bħala Fuq il-Fortini, Birgu, liema serq li huwa kwalifikat bil-valur, li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) iżda ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37), bil-ħin, u bin-natura tal-ħaġa misruqa sar għad-detriment ta' Melchiore Ellul mill-Marsa u/jew persuni oħra;

2. U aktar talli matul il-perjodu bejn is-7:30 ta' filgħaxija tad-29 ta' Jannar, 2013 u s-2.20 ta' filgħodu tat-30 ta' Jannar, 2013, fl-inħawi magħrufa bħala Fuq il-Fortini, Birgu ikkommetta serq ta' oġġetti minn vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni BET 111, liema serq li huwa kkwalifikat bil-ħin, u bin-natura tal-ħaġa misruqa, sar għad-detriment ta' Bertille Lingaro-Mifsud mill-Birgu u/jew persuni oħra;

3. U aktar talli matul il-perjodu ta' bejn is-6:15 ta' filgħodu tad-29 ta' Jannar, 2013 u l-ġranet ta'q abel din id-data, fl-inħawi magħrufa bħala Fuq il-Fortini, Birgu ikkommetta serq ta' oġġetti minn vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni JAS524, liema serq li huwa kwalifikat bil-valur, li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) iżda ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37), bil-ħin, u bin-natura tal-ħaġa misruqa sar għad-detriment tad-diriġenti tal-kumpanija bl-isem Capece Construction Ltd u/jew persuni oħa;

4. Kif ukoll talli, matul il-perjodu ta' bejn id-09:00 ta' filgħaxija tad-29 ta' Jannar 2013 u s-02:20 ta' filgħodu tat-30 ta' Jannar 2013, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u cioe' l-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni JAS524, liema ħsarat li huma ta' aktar minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69), saru għad-dannu tad-

diriġenti tal-kumpanija bl-isem Capece Construction Ltd u/jew persuna oħra;

5. U aktar matul il-perjodu ta' bejn id-09:00 ta' filgħaxija tad-29 ta' Jannar 2013 u s-02:20 ta' filgħodu tat-30 ta' Jannar 2013, fl-inħawi magħrufa bħala Fuq il-Fortini, Birgu, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u cioe' bins pubbliċi, liema ħsara li hija ta' aktar minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69), saru għad-dannu tad-diriġenti tal-kumpanija bl-isem ta' Green MT, il-Gvern ta' Malta u/jew persuni oħra;

6. U aktar matul il-perjodu ta' bejn id-09:00 ta' filgħaxija tad-29 ta' Jannar 2013 u s-02:20 ta' filgħodu tat-30 ta' Jannar 2013, fl-inħawi magħrufa bħala Fuq il-Fortini, Birgu, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u cioe' il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni MEL 306 , liema ħsara li ma tiskorrix l-elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) imma kienet iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47), saret għad-dannu tal-istess Melchiore Ellul u/jew persuni oħra;

U aktar akkużat talli nhar it-30 ta' Jannar, 2013, għall-ħabta tas-2:15 ta' filgħodu, waqt li kien fil-Birgu attakka jew għamel reżistenża bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku u cioe is-surġent tal-Pulizija 440 Kenneth Vella Gregory, il-kuntistabbli 215 Clint Zahra, kif ukoll il-kuntistabbli 1447 Mark Joseph Copperstone filwaqt li kienu jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorita' kompetenti;

U aktar talli, fl-istess data, lok, u ċirkustanzi kiser il-provediment tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, meta nhar l-24 ta' Frar 2011, ġie kkundannat mill-Qrati tal-Ġustizzja ta' Malta għal piena ta' priġunerija għal perjodu ta' disa' xhur, liema sentenza ġiet sospiża għal perjodu ta' sentejn, u liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

U finalment qiegħed jiġi akkużat talli, fl-istess data, lok u ċirkustanzi, irrenda ruħu reċediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li ġie misjub ħati b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati tal-Ġustizzja ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfiġġi l-piena stabbilita skont il-Liġi jogħġobha tordna lill-ħati sabiex iħallas l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali sabiex il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja u li l-imputat iddikjara li m'għandu l-ebda oġġezzjoni biex il-każ jiġi hekk trattat.

Semgħet ix-xhieda.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat jinsab addebitat b'serq aggravat, bi ħsara volontarja, b'attakk jew reżistenza kontra tlett uffiċjali tal-pulizija, bi ksur ta' sentenza sospiża u b'reċedivita.

**<u>L-Ewwel u s-Sitt Imputazzjonijiet</u>**

**Melchior Ellul** xehed[1] li fil-lejl ta' bejn id-29 u t-30 ta' Jannar 2013 mar il-Birgu għand it-tfajla tiegħu. Mar għall-ħabta tad-disa' ta' filgħaxija u pparkja l-karozza tiegħu tal-għamla Peugeot 306 sewda, reġistrazzjoni numru MEL 306[2], fi Triq il-Fortini. Għall-ħabta tas-siegħa ta' filgħodu telaq mid-dar tat-tfajla biex imur lura d-dar. Kif wasal ftit metri 'l bogħod minn fejn kienet ipparkjata l-karozza tiegħu ra li l-karozza

[1] 13 ta' Frar 2013

[2] Stephen Cachia fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2014 ippreżenta Dok SC minn fejn jirriżulta li fid-data tas-serqa l-karozza kienet reġistrata fuq Melchior Ellul.

kienet miftuħa u kien hemm xi ħadd baxxut ġol-karozza b'xi dawl abjad. Il-bieba tan-naħa tad-driver kienet mifuħa. Beda miexi bil-mod lejn il-karozza biex jilħaq lill-persuna fil-fatt iżda kif għamel ftit passi lemħu ġej u ħareġ mill-karozza u telaq. Ix-xhud qal li kif il-persuna ħareġ mill-karozza għarfu mal-ewwel għaliex kien rah kemm-il darba l-Birgu billi dan il-persuna jgħix il-Birgu. Ix-xhud qal li din il-persuna li kienet fil-karozza tiegħu huwa l-imputat odjern. Kompla li beda jimxi wara l-imputat, ġera warajh, u beda jgħajjat u jgħidlu biex jieqaf għax għarfu. Kif sema' hekk, l-imputat kien għoddu se jieqaf, waqaf għal ftit sekondi, ħares lejn ix-xhud, pero' kif rah għadu qed japprowċjah reġa telaq jiġri. Kompla jsegwih għal biċċa żgħira pero' ma setax jilħqu u mar lura fil-karozza biex isuq fid-direzzjoni fejn kien mar huwa. X'ħin daħal fil-karozza ra li l-istereo ma kienx f'postu, kien hemm xi taqlib fil-karozza, xi wires maqlugħin u fuq in-naħa tal-passiġġier kien hemm basket mal-art, basket taċ-ċarruta u ġo fih kien hemm xi affarijiet bħalma huma l-istereo, il-kaxxa tal-faċċata tal-istereo u kien hemm xi CDs mal-art. Il-basket ma kienx tax-xhud imma l-affarijiet ta' ġo fih kollha kienu tax-xhud. Sabu fil-karozza. Apparti minn hekk kien hemm torċ għadu mixgħul li huwa tax-xhud u turnavit li ma kienx tiegħu. Meta saq fid-direzzjoni tal-imputat, ma lemħux u niżel l-Għassa tal-Kalkara biex jagħmel ir-rapport iżda kienet magħluqa u ddeċieda li jmur l-Għassa ta' Bormla.

Qabel ma tela lura fil-karozza kellu ċans jagħti daqqa t'għajn aktar fid-dettal il-karozza u rrealiżża li fuq wara fil-bagoll kellu l-apparat tal-HI FI kollu nieqes u sab li kien hemm is-seat il-wieqaf maqlugħ. L-apparat tal-HI FI kien jikkonsisti f'amplifier tad-ditta Fusion, subwoofer tad-ditta Diamond u xkaffa bl-ispeakers, l-ixkaffa tal-fabbrika bl-ispeakers tal-fabbrika li kienu neqsin ukoll. Huwa m'għandux stima bil-miktub pero' qal li kien xtrahom tmien snin qabel disa' mitt Lira Maltin. Dawn kienu ġol-karozza u kienu jaħdmu tajjeb.

Meta mar l-Għassa ta' Bormla qalilhom x'ġara. Il-Pulizija ħarġu jispezzjonaw il-karozza, raw illi l-apparat kien kollu nieqes u raw li l-bieba tal-passiġġier kienet illevata, mgħawwġa ftit. Urewh ritratt tal-imputat fuq il-kompjuter biex jikkonferma li huwa għaliex huwa kien qalilhom li għarfu. Dak il-ħin il-Pulizija marru jfittxuh u x-xhud baqa' jistenna l-Għassa. Ftit tal-minuti wara, l-istess Pulizija li marru biex

ifittxuh ċemplu l-Għassa u qalu lix-xhud biex imur fuq il-post fejn kienet ipparkjata l-karozza għaliex kien instab xi apparat tal-HI FI. Mar lura u fejn kien ipparkjat qabel kien hemm ċint b'wesgħa ħamrija fuqu u b'xi siġar ukoll u l-apparat kien ittella hemm fuq u tpoġġa wara siġra u tgħatta bi ftit trab u ħaxix. L-apparat kien kollu tiegħu u ma kien hemm xejn nieqes minnu. Fisser li se jkollu jagħmel wiring ġdid. Huwa ppreżenta wkoll diversi ritratti[3] .

Ippreżenta stima tal-ħsara tal-bieba[4] għall-valur ta' €340, li ġiet ikkonfermata minn **Victor Briffa[5]** li jaħdem bħala panel beater. Ma jidhirlux li għamel ix-xogħol fuq il-vettura.

Illi l-Prosekuzzjoni ppruvat dawn l-imputazzjonijiet sal-grad rikjest mil-Liġi u dan billi d-derubat qabad lill-imputat in flagrante. Għarfu għaliex kien jarah ġewwa l-Birgu. M'hemmx dubbju wkoll li anki l-aggravji jirriżultaw. Konsegwentement anki l-imputazzjoni ta' ħsara volontarja hija ppruvata għaliex m'hemmx dubbju li kien l-imputat li llieva l-bieba sabiex ikun jista' jisraq mill-karozza. Għalhekk din il-Qorti tqis li l-imputat għandu jinstab ħati ta' dawn l-imputazzjonijiet.

## It-Tieni Imputazzjoni

**Bertille Lungaro-Mifsud** xehed[6] li fid-29 ta' Jannar 2013 huwa pparkkja l-karozza tiegħu tal-għamla Peugoet 206, reġistrazzjoni numru BET 111, fil-għaxija għall-ħabta tat-8.30p.m/9.00p.m viċin l-iskola fuq il-Fortini, il-Birgu. Meta filgħodu mar għall-karozza biex imur għax-xogħol induna li l-istereo ma kienx hemm u mar l-Għassa ta' Bormla biex jagħmel rapport. Minħabba xi diżgwid ma sarux eżamijiet għal fingerprints. Ħsara ma kellux. L-istereo kien jiswa madwar sebgħin Euro.

**PC 697 Owen Peter Pace** ippreżenta[7] r-rapport relattiv għal din is-serqa li ġie mmarkat bħala Dok OP.

---

[3] Dok ME1 sa ME 12
[4] Dok ME13
[5] 13 ta' Ottubru 2014
[6] 15 ta' Marzu 2013
[7] 8 ta' Mejju 2013

Din il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx oltre d-dubbju dettat mir-raġuni li kien l-imputat li wettaq tali serqa. M'hemm l-ebda prova in atti li tallaċċja lill-imputat ma' tali serqa.

**<u>It-Tielet u r-Raba' Imputazzjonijiet</u>**

**Josephine Casabene** xehdet[8] li hija taħdem ma' Capace Construction Limited bħala project manager. Fissret li kienu qed jaħdmu fuq restawr tas-swar tal-Birgu. Kienu ilhom jaħdmu hemm sena. Il-kumpanija kellha karozza Seat Ibiza, Reġistrazzjoni Numru JAS 524[9], li kienet tintuża għax-xogħol biss minnha u mid-direttur tal-kumpanija. Din il-karozza kienet waqqfet u ħallewha pparkjata l-Birgu ħdejn il-Fortini. Meta marret biex tixgħelha sabet puncture u meta fetħitha indunat li r-rota kienet maqlugħa. Fetħet il-bonnet sabet nofs il-magna żarmatha. Minn ġol-vettura naqas il-jack u l-ispare wheel. Dan kien jumejn qabel ma l-karozza inħarqet fid-29 ta' Jannar 2013. Hija għamlet kemm rapport dwar l-affarijiet li sabet neqsin kif ukoll dwar l-inċident tal-ħruq. Il-karozza bejn wieħed u ieħor tiswa madwar elf Euro.

**Marzio Capece Minutolo Del Sasso** xehed[10] fuq l-istess binarju ta' Josephine Casabene u kkorobora x-xhieda tagħha, filwaqt li ddikjara li huwa d-Direttur tal-kumpanija Capace Construction Limited.

Din il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx oltre d-dubbju dettat mir-raġuni li kien l-imputat li wettaq tali serqa. M'hemm l-ebda prova in atti li tallaċċja lill-imputat ma' tali serqa.

**<u>Il-Ħames Imputazzjoni u l- Allegat Ksur tal-Artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali</u>**

**Lara Grima** xehdet[11] li hija taħdem bħala skrivana l-Kunsill tal-Birgu. Hija qalet li sar rapport mill-Kunsill għaliex kien hemm xi kuntrattur li

---

[8] 15 ta' Marzu 2013

[9] Stephen Cachia fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2014 ippreżenta Dok SC1 minn fejn jirriżulta li fid-data tas-serqa l-karozza kienet reġistrata fuq Capace Construction Ltd – Marzio Filippo Capace Minutolo Del Sasso

[10] 15 ta' Marzu 2013

battal il-bring-in site u għarraf lill-Kunsill li dawn kienu maħruqa. Hija ppreżentat korrispondenza dwar dan[12]. Fissret li żewġ skips li kienu fuq il-Fortini tal-Birgu huma tal-Green MT u l-Kunsill juża s-servizz tagħhom. Bħala stima approssimativament kull bin jiswa €465.

**Bernice Cutajar** ippreżentat[13] żewġ dikjarazzjonijiet mill-Green MT minn fejn jirriżulta li l-bins jiswew €275 kull wieħed[14]

**PS 440 Kevin Vella Gregory** xehed[15] li fit-30 ta' Jannar 2013 kien għassa ta' billejl u Melchior Ellul mar jagħmel rapport li kien insteraq mill-karozza li kienet ipparkjata ġdejn il-Fortini, il-Birgu u kien għaraf lil min serqu lil ċertu wieħed magħruf iċ-Ċelest ossija Robert Galea. Sakemm kien qiegħed jittieħed ir-rapport, is-Surġent qal lil Ellul li kien sejjer ifittex l-affarijiet għaliex billi kien hemm affarijiet kbat u Galea kellu mutur u ma setax jeħodhom. Huwa flimkien ma' PC 215 u PC 1447 sabu l-affarijiet misruqa il fuq mill-parking area fejn kienet ipparkjata l-karozza fejn hemm ħamrija u siġra u sabu l-oġġetti moħbijin. Ċemplu l-Għassa u bagħtu għas-sid il-karozza biex iniżżlu l-affarijiet. Sabu l-amplifier, stereo, xkaffa b'żewġ speakers, subwoofer bil-kaxxa b'kollox. Marru jfittxu lil Robert Galea d-dar. Fetħilhom missieru u ma sabuħx hemm. B'hekk ix-xhud qal lill-kollegi tiegħu biex jerġgħu jmorru fejn jipparkja l-mutur is-soltu. Sakemm marru hemm avżaw lill-Ispettur. Żewġ pulizija niżlu jaraw il-mutur kienx fejn is-soltu u ma kienx hemm. Reġgħu telgħu jiġru lura u qalulu biex imur għaliex kien hemm żewġ skips u karozza li kienu qed jaqbdu. Qabdu fire extinguisher u sakemm niżlu raw lil Ċelest jittawlilhom minn taħt il-mina, bdew igħajtulu u ħarab jiġri. Ix-xhud poġġa l-fire extinguisher u t-tnejn l-oħra marru jiġru warajh u arrestawh ftit 'il bogħod. Ix-xhud qal li fl-area fejn inħarqu l-iskips u l-karozza m'hemmx resident u hija parking area u grawnd tal-futbol u biex tmur għar-residenza hemm xi erba' minuti mixi. Ħadd aktar ma kien hemm ħlief l-imputat. Ix-xhud għaraf lil-imputat fl-Awla bħala Ċelest.

[11] 15 ta' Marzu 2013
[12] Dok LG1, LG2 u LG3
[13] 17 ta' Mejju 2017
[14] Dok BC1 u BC2
[15]

Inkwantu għall-iskips u l-karozza li ħadu n-nar, dawn kienu fuq in-naħa tat-triq fil-parking area u n-naħa l-oħra kien hemm il-karozzi. Ma setax ikun li l-karozza ħadet in-nar bl-iskips. Tqabbdu fl-istess ħin. Huwa ppreżenta r-rapport li ġie mmarkat bħala Dok KG.

In kontro-eżami, qal li mill-mina għal fejn kien hemm l-iskips u l-karozzi hemm tul ta' awla. Huma tefgħu lill-imputat mal-art biex jarrestawh għaliex beda jaħrab u anki sakemm kien mal-art reġa beda jipprova jqum.

Kien hemm inkjesta Maġisterjali dwar l-inċident tal-ħruq.

**PC 215 Clint Zahra** xehed[16] fuq l-istess binarju ta' PS 440 Kevin Vella Gregory u kkorobora x-xhieda tiegħu. **PC 1447 Mark Copperstone** xehed[17] fuq l-istess binarju tal-kollegi tiegħu. In kontro-eżami qal li meta arrestaw lil Robert Galea ma kien hemm ħadd aktar fil-viċinanzi. Għamlu tfittxija fuqu u ma sabulu xejn.

Ġie ppreżentat ukoll il-proċess verbal bir-rapport tal-espert Joseph Zammit.

Illi inkwantu għall-ħames imputazzjoni din il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx oltre d-dubbju dettat mir-raġuni li kien l-imputat li ħaraq il-bins u l-karozza. Kull ma hemm huma biss assunzjoni għaliex l-uffiċjali tal-Pulizija xehdu li raw biss lill-imputat f'dawk il-viċinanzi imma dan mhux biżżejjed sabiex l-imputat jinstab ħati.

Inkwantu għall-imputazzjoni l-oħra lanqas din ma tirriżulta ppruvata. Kull ma rriżulta li l-imputat ipprova jaħrab iżda minn imkien mill-provi ma rriżulta li l-imputat attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb kontra l-uffiċjali tal-Pulizija.

**<u>Allegat Ksur ta' Sentenza Sospiża</u>**

L-imputat ġie akkużat li kiser il-provvediment tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta meta nhar l-24 ta' Frar 2011 ġie kkundannat mill-Qrati tal-Ġustizzja ta' Malta għal piena ta' priġunerija

[16] 8 ta' Mejju 2013
[17] 8 ta' Mejju 2013

għal perjodu ta' disa' xhur, liema sentenza ġiet sospiża għal perjodu ta' sentejn.

Din id-deċiżjoni ma ġietx eżebita in atti w għaldaqstant l-imputat mhux se jinstab ħati ta' tali imputazzjoni billi ma ġietx ippruvata.

**Addebitu tar-Reċediva**

Għalkemm l-imputat ġie addebitat b'dan l-addebitu, ebda sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu ma ġiet ippreżentata f'dawn il-proċeduri w għaldaqstant ma jistax jnstab ħati ta' dan l-addebitu billi m'hemmx prova dwar l-istess.

**Piena**

Inkwantu għall-piena li għandha tiġi erogata din il-Qorti qegħda tieħu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom qiegħed jinstab ħati l-imputat, il-fedina penali tiegħu minn fejn jirriżulta li diversi drabi xellef difrejh mal-ġustizzja, u min-naħa l-oħra x-xhieda tal-Uffiċjal tal-Probation Rona Agius Custo[18] li ħejjiet Social Inquiry Report u Noel Cassar[19] in rappreżentanza tal-Caritas minn fejn jirriżulta li l-imputat kien ilu afflitt bil-vizzju tad-droga iżda wara li beda jiskonta sentenza fis-sena 2018 beda juri motivazzjoni sabiex jindirizza l-problema u f'Ġunju 2019 beda programm residenzjali ġewwa l-Prison Inmate Programme. Wera koperazzjoni matul il-programm u anki fis-sena 2021 għadda ġewwa RISE u qiegħed jaħdem.

Fid-dawl tal-fatt li l-imputat għamel dan il-progress, din il-Qorti tqis li għandha tieħu kont tal-istess u tagħti wkoll l-opportunita' lill-istess imputat sabiex ikompli jaħdem fuqu nnifsu u jibqa' fit-triq it-tajba ħielsa minn kull vizzju u f'ħajja lavorattiva. Għaldaqstant tqis li għandha tpoġġi lill-imputat taħt Ordni ta' Probation sabiex jibqa' jiġi segwit bil-għan li ma jintilifx il-progress li huwa għamel.

[18] 22 ta' Jannar 2020 u 7 ta' Marzu 2022
[19] 20 ta' Jannar 2020

**Decide**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(ċ)(f)(g), 267, 270, 271(g), 279(a), 280(1) u 325(1)(b)[20] tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-ewwel u s-sitt imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, iżda bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tpoġġi lil Robert Galea taħt Ordni ta' Probation għal żmien sentejn (2) millum bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza. Ma ssibx lill-imputati ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra u l-addebitu tar-reċediva miġjuba fil-konfront tiegħu u minnhom tilliberah.

Tiċħad it-talba għall-kundanna tal-ħati sabiex iħallas spejjeż tal-espert nominat stante li r-rapport tal-espert nominat fl-Inkjesta Maġisterjali kien relatat ma' imputazzjonijiet li l-imputat ma nstabx ħati tagħhom.

**Dr Josette Demicoli**
**Maġistrat**

**Cora Azzopardi**
**Deputat Reġistratur**

[20] Ara dan l-artikolu fiż-żmien tar-reat billi l-artikolu kien ġie emendat, u l-piena fiż-żmien tar-reat hija aktar favorevoli għall-imputat